MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 371/2001/1

**Avviz Nru:- 371/01**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Carmel Borg personalment u ghan-nom tas-socjeta' M & C Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex dan ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u seba' u disghin liri Maltin u tmien centezmi (Lm297.08), liema somma hija dovuta skond erba' (4) kambjijiet iffirmati mill-istess konvenut pro et nomine, li kopja taghhom giet esebita Dok "A" (l-original jigi esebit waqt il-kawza), liema kambjaliet skadew izda baqghu ma thallsux , nonostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2001 u tal-parir hmistax-il lira Maltin (Lm15), kontra l-konvenut pro et nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll id-dokument esebit, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u prevja li jigu esebiti fl-atti l-kambjaliet originali, qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, is-somma mitluba ta' mitejn u seba' u disghin liri maltin u tmien centezmi (Lm297.08) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-25 ta' April 2001, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------